# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump. 186/01***

***Pulizija***
***Sp. Walter Spiteri***
***v***
***Edwin Schembri***

Illum 30 ta' Lulju 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reati ta' **Serq** kwalifikat bil-valur, **ricettazzjoni**, **sekwestru tal-persuna u recidivita'**.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi 1, 3 u 4 dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

Illi r-reat ta' serq jeskludi dak ta' ricettazzjoni, u ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tat-tieni akkuza.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat that is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi 1, 3 u 4 ai termini tal-Artikoli 261 C,  267 u 86 tal-Kap.9, ;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Michelle Sultana ghal zmien tlett snin*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess..

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat tal-imsemmi provvediment.

Ma ssibux hati tal-akkuza numru 2 u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***